**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 410 / 2019**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Paul Camilleri)**

**Vs**

**Leslie Farrugia**

Illum 31 ta Jannar 2023

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti Leslie Farrugia ta' 27 sena twieled Pieta' nhar 19 ta' April 1992, iben Mary Grace Farrugia u li joqgħod gewwa Nru. 37, Flat 6, Triq Felic Bormla, u detentur tal-karta tal-identita' numru 202492M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

Bejn il-jiem ta' 19 u 20 ta' Gunju 2019 ghal habta ta' 00:21 hrs gewwa Triq Haz-Zabbar Fgura:

Ikkommetta serq ta' mutur Yamaha Sigma bin-numru ta' registrazzjoni KBD 556 u ta' kulur iswed, liema serq huwa aggravate bil-valur liema ammont

meta l-haga misruqa tkun tiswa aktar minn mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin cenetzmu (Ewro 232.94c), bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa u dan ghad-dannu ta' Helenio Galea ID 384372 M. Bi ksur tal artikoli 261 (c), (f), (g), 267, 270 u 271 (g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba li titratta ma l-imputat bhala recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b' sentenza tal-Qorti (Malta), liema sentenzi saru definittivi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ta' nhar l-20 ta' Lulju, 2022, fejn il-Qorti sabet l-imputat HATI tal-akkuzi taht l-artikoli 261 (f), 261 (g), 270 u 271 (g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u MHUX HATI taht l-artikoli 261 (c), 267, 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U kkundannatu ghal piena ta' hmistax-il xahar (15) prigunerija effettivi li minnhom għandhom jitnaqqsu il-perjodu li hu inzamm taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn l-akkuzi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appellanti Leslie Farrugia minnu pprezentat fis-27 ta' Lulju, 2022, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tilqa` dan l-appell billi tikkonferma l-parti tas-sentenza fejn ma sabitux hati taht l-artikoli 261(c), 267, 49 u 50 tal-

Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta filwaqt li thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata fejn sabitu hati ta' l-akkuzi taht l-artikoli 261(f), 261(g), 270 u 271(g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena, jew in subsidum, f'kaz li l-Qorti ssib htija fil-konfront tieghu, timmodifika l-istess sentenza appellata, limitatament in kwantu ghall-piena, billi tirrevoka l-piena nflitta ta' hmistax-il xahar prigunerija u minflok tinfliggi piena alternattiva minn dik karcerarja.

Rat Illi l-aggravji huwa manifesti u huma s-segwenti

APPREZZAMENT HAZIN TAL FATTI U TAL-PROVI

Illi l-Qorti ta' l-Appel Kriminali Inferjuri permezz ta' sentenza datata 13 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet **IL-PULIZIJA vs DEBAGRIELLE MATTHEW**, fir-rigward ta' l-APPREZZAMENT HAZIN TAL FATTI ppronunzjat illi

> *"Dan kien appell tal-Avukat Generali dwar fatti li kien jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi. F'dan ir-rigward il-gurisprudenza in materja tal-Qorti hi cara u kostanti fis-sens li l-Qorti tal-Appell Kriminali ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti jekk mhux ghalragunijiet gravi, b'mod li din il-Qorti tirrevedi l-apprezzament ta' dik il-Qorti fl-eventwalita` biss li l-ewwel Qorti ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjonijiet li waslet ghalihom fuq l-iskorta tal-provi prodotti."*

Illi l-Qorti ta' l-Appell Kriminali Inferjuri permezz ta' sentenza datata 28 ta' Jannar 2009 fl-ismijiet **<u>Il-pulizija vs Etienne Sammut</u>** , fir-rigward ta' l-APPREZZAMENT TAL-PROVI ppronunzjat illi

*"Meta jsir appell minn decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, l-Qorti tal-Appell Kriminali ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha.*

*Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-Ewwel Qorti, fuq provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni."*

Illi ghalhekk din il-Qorti ghandha taghmel apprezzament approfondit tal-provi u ghandha tara li l-Ewwel Qorti ma kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha.

Illi dan johrog car car mil-fatt illi f'nifs wiehed il-Qorti tal-Magistrati tghid illi mill-atti jirrizulta li l-pulizija marru fuq il-post u gabru xi CCTV fejn hemm car persuna li tixbah hafna lill-appellant u f'nifs iehor tghid li l-ufficcjali tal-pulizija marru l-ghassa ta' Bormla fejn urew il-filmati lill-kollegi taghha ta' l-ghassa ta' Bormla u dawn gharfu lill-appellant odjern. Kif qatt setghu l-pulizija jaghrfu l-appellant b'certezza mix-xebh. Fil-kamp kriminali persuna tigi identifikata b'certezza u mhux mix-xebh. Mela dan ifisser li l-appellant qatt ma seta' jigi identifikat mis-CCTV b'certezza rikjesta. Aktar u aktar din l-allegata identifikazzjoni qatt ma tista' tigi kunsidrata safe and satisfactory la darba l-ufficcjal jew l-ufficcjali tal-ghassa ta' Bormla li allegatament kienu huma li l-ewwel allegatament identifikaw lill-

appellant ma xehdux. Illi jidher car li dan in-nuqqas idghajjef it-tezi tal-prosekuzzjoni u l-Qorti qatt ma setghet thossha komda b'dak li m'ghamlux l-ufficcjali investigattiv, avolja l-investigazzjoni ma waqfitx hemm. B'dan in-nuqqas ma seta' qatt jitqabbel ic-CCTV ma' dik il-persuna li fil-fatt giet arrestata, ossia', l-appellant.

Illi aktar minn hekk waqt tfittxija li l-ufficcjali investigattivi ghamlu fir-residenza tal-appellant huma eleven flokk ahmar li l-Qorti ddeskrivietu li huwa simili hafna jekk mhux identiku ghal dak li allegatamnent kien liebes l-appellant ftit tal-jiem qabel waqt is-serqa. Illi kif qatt il-Qorti setghet tikkonkludi minghajr dubju ragonevoli illi dak il-flokk ahmar kien il-flokk li allegatament kien liebes l-appellant waqt is-serqa meta f'nifs wiehed tghid illi huwa simili hafna u f'iehor tghid li kien identiku. Il-mistoqsija f'din il-konfuzzjoni hija ovja, kien simili jew identiku? F'din il-konfuzzjoni kif il-Qorti ddecidiet b'certezza u d-dubju ma marx favur l-appellant?

Illi dan ifisser li l-Qorti kienet assolutament zbaljata meta huwa evidenti li mill-assjem tal-provi, inkluz ic-CCTV, kif ukoll l-evidence bag a fol 34 tal-process fejn gie ezebit flokk ahmar fil-31 ta' Lulju 2019 l-involviment fis-serqa tal-appellant ma giex ippruvat mil-prosekuzzjoni sal-grad rikjest mill-ligi. Ghalhekk il-Qorti ma setghet qatt issib lill-appellant hati tas-serqa tal-mutur aggravat bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa ta' Helenio Galea.

Ghalhekk din il-Qorti ghandha tasal ghall-konkluzjoni li l-Ewwel Qorti, fuq provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din hija raguni valida u addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

Rat il-fedina penali tieghu esebita fl-atti a fol. 195 et seq u minn esami ta' l-istess jririzulta li fiha diversi reati u kontravenzjonijiet registrati fuqha fejn inghata

sentenzi ta' prigunerija sospiza, supervision orders, prigunerija effettiva, probation, sentenza sospiza , unconditional discharge u minkejja dan rga qieghed quddiem din il-Qorti.

Rat ukoll minn esami tal-fedina penali li l-akkuzat kien gja instab hati tar-reati konnessi ma l-abbuz ta' droga, u dan fis-snin 2017, 2019 u 2022.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tal-5 ta' Jannar 2023.

Ikkunsidrat,

Illi dan hu appell fejn l-appellanti jsostni li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti kif prodotti

Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel Zammit deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal:

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed; Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija vs Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija vs Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija vs Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija vs Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija vs Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija vs Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa ġie mistqarr li :

Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il-verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn

*kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghallkonkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.*

Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.[2]

Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba millpartijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk

---

din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli talevidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-Law of Evidence. Illi ghalhekk din l-Onorabbli Qorti trid tezamina l-atti u tifli x-xhieda migbura u dan sabiex tara jekk l-ewwel Qorti waslitx ghal gudizzju li huwa *safe* and *satisfactory*.

IKkunsidrat ulterjorment

---

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004; Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez u Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina, 24 ta' April 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak, 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija vs Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija vs Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija vs Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; IlPulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija vs Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija vs Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija vs Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991

Rat li nhar il-31 ta' Lulju 2019 xehed l-**Spettur Paul Camilleri** qal li l-kaz in kwistjoni kellu l-bidu tieghu minn rapport li sar gewwa l-ghassa tal-pulizija Rahal Gdid fejn kien insteraq mutur minn Triq Haz Zabbar, IL-Fgura nhar l-20 ta' Gunju, 2019. Jghid li kienu saru xi investigazzjonijiet permezz ta camera ta CCTV u gibdu filmati fejn jidhru zewg persuni. Wiehed minnhom kien libes flok ahmar u persuna ohra li kienet femminili. Il-pulizija ta' l-iskwadra ta' DSU u cioe PC 195 Melvin Calleja u PC 471 Michael Briffa marru jkelmu lill-pulizija ta' Bormla fejn urewhom il-filmati u indikawlhom li dik il-persuna hija Leslie Farrugia ghax gharfuha huma stess. Komplew jinvestigaw u matul l-investigazzjonidahlitilhom informazzzjoni kunfidenzjali lil-mutur jkun jista qieghed fir-residenza fejn joqghod Leslie Farrugiastess u cioe fil-flat numru 6 Triq Felic Bormla.

Huwa flimkien mal-pulizija ta' Bormla PC 195 u PC 471 fis-7 ta Lulju 2019 marru fl-imsemmija rsidenza izda ghal bidu ma fethilhom hadd. Izda irnexxilhom jifthu l-bieb t'isfel tal-komun. Dahlu fil-komun u ma sabux mutur hennkhekk fejn kien gie indikat lilhom u ghalhekk telqu mill-post. Ftit tal-hin wara raw raw lil Suzanne Camilleri flimkien ma leslier Farrugia u x'hin resqu lejn il-bieb ta' Leslie regghu ma sabuhx hemm. Din id-darba fethitilhom Suzanne Camilleri fejn qaltilhom li Leslie ma keinx maghha u li ma kienx qieghed hemm. Qalulha bir-rapport tal-mutur u ghal bidu qalet li ma tafx fejn kien il-mutur u nizlu isfel u marru barra u qaltilhom li kien fit-triq int hu nizel ghal kisra lejn l-ghassa ta' Bormla. Marruhemmhekk u sabuh ipparkjat vicin tal-post office.

Minn hemmhekk regghu marru fir-residenza u ghamlu tfittxija ghall-hwejjeg li allegatametn kien libes Leslie Farrugia dakinhar tas-serqa u sabu flok ahmar i jixbah dak li hemm fil-footage .Mal-hin tfacca Leslie Farrugia u arrestawh. Il-mutur ittihed gewwa l-ghassa ta' Rahal Gdid fejn gie identifikat minn sidu. Leslie gie arretat u infurmat bid-drittijiet u ittiehditlu stqarrija u tressaq ill-Qorti l-ghada filghodu. Huwa pprezenta kopja tal-filmati li

ingabru mill-pulizija li gew markati bhala dok PC 7[4] flimkien ma sett ritratti li gew markati bhala dok PS 1 sa PC 9 li huma tal-mutur il-misruq li gew imppoggija f'envelope li gie markat bhala dok PC8.

Il-flok ahmar li gie identifikat minn Suzanne Farrugia li huwa ta' Leslie Farrigia li kien bih dakinahr tas-serqa li gie impoggi gewwa evidence bag markat M01327252. Fl-istqarrija li giet rilaxxjata minn Leslie Farrugia dan kein qal li l-mutur kien serqu hu stess u ma ried ighidlu xejn iktar u xtaq i jehlisha u tinqata'.

**PC 195 Malcolm Calleja** xehed nhar il-31 ta' Lulju 2019 u spjega li nhar l-20 ta' Gunju 2019 sar rapport gewwa l-ghassa tal-pulizija ta' rahal Gdid li insteraq mturu mill-Fgura. Huwa flimkien ma ollega tieghu invetigaw il-kaz fejn raw xi kamras f'dik it-triq. Fihom kien jidhru guvni u tfajla ghaddejjin ghal habta ta nofs il-lejl u wiehed u ghoxrin minuta ta' l-istess lejl u l-guvni kien rikeb fuq il-mutur ujitlaq bih. Ghamlul-investigazzjonijeti taghhom u irrizulta li kien Leslie Farrugia. Jghid li tkelmu mal-pulizija ta l-ghassa ta' Bormla u anke raw il-filmati u kkonfermawlna li kien Leslie Farrugia. Nhar is-7 ta' Lulju marru Bormla fl-indirizz tieghu fejn kellhom informazzjoni kunfidenzjali li l-mutur seetgha kien ghandu fil-komun izda meta marru hemm dan ma instabx. Imbaghad jghid li kien hemml-gharusa tieghu Suzanne Camilleri li kienet hemmhekk u inikatilhom fejn kien l-mutur. Huma ghamlu search fid-dar u sabu l-flok li kien intuza ghas-serqa minn Leslier Farrugia u cioe nahr l-20 ta' Lulju 2019.

Muri ir-ritratti esebiti fl-atti u markati bhala dok PC1 sa PC 9 u jghid li dawn huma ir-ritratti tal-mutur li gie misruq u jghid li qed gharaf lill-akkuzat bhala l-persuna ta' Leslie Farrugia.

Ix-xhud xehed in kontro esami nhar is-17 ta' Settembru 2020 u jghid li l-filmati ingabru mit-triq minn fejn insteraq il-mutur pero ma kienx f'posizjoni jghidpersonalment minn liema fond. Ma kienx hu li gabarhom. Mistoqsi jekk

[4] Fol. 32 ta' l-atti

rax ic CCTV's li gew elevati jghid li iva rahom. Jghid li ghall-ewwel ma kienx gharaf li kien l-akkuzat u dan ghaliex kien ghadu jasal fid-distrett u ghalhekk ma kienx ghadu jaf in-nies pero meta ra ir-rirtratti tieghu seta jghid li kienet l-istess persuna. Ma kienitx kwistjoni ta' kwalita tas CCTV izda ghall-ewwel ma kienx jaf lill-akkuzat u ghalhekk ma setghax jgharfu. Jghid li kienu l-pulizija ta' Borma li gharfu lill-akkuzat u cioe PC 195 Melvin Calleja u PC 471 Michael Briffa. Apparti dan pero ghamlu invetigazzjoni ohra biex waslu ghalih meta instab il-mutur. Jghid li Suzanne Camilleri kient qaltlu l-istorja tas-serq tal-mutur. Fil-fatt jghid li l-mutur intab fil-post li gie indiakt lilhom minn din Suzanne Camilleri. Jghid li hwua qal li l-flok ahmar li gie elevat mill-fond ta Leslie jixbah dak li kienhemm fil-filmat li kien libes Leslie ghaleix huwa ma rax lil Leslie jisraq dakinhar u ghalhekk uza il-kelma 'jixbah'. Suzanne pero qaltilhomli kien l-istes wiehed. Dwar il-mutur Suzanne qaltilhomukoll li gili il-mutur kien ikun fil-komun pero ma qaltilhomx kemm kien ilu jinzamm hemm. Huwa kkonferma li kien l-istss mutur li insteraq meta sid il-mutur u cioe Helenio Gala gharfu. Qal ukll li n-number pplate li ien hemm fuq il-mutur makienx tieghu lanqas, kien jappartjeni lil xi mara. Mistoqsi jekk irrizultalux li l-mutur likellu dan in-number plate kien ukoll misruq jghid li ma jafx kienu ghadhom ma investigawx dan il-punt. Qal li apparti li Helenio gharaf dan il-mutur bhala tieghu minn xi qata fuq is-seat ghamlu l-verifiki taghhom bili raw in-numru tac-chassis tieghu. Ikkonferma li meta marru ghal mutur Suzanne Camilleri kienet maghhom fl-karozza. Ikkonfemra li qabel ma investiga lil Leslie Farrugia kien qallu li Suzanne ser titressaq ukoll bhala komplici. Huwa minnu ukoll li Leslie qallu lli kien ser jamemtti u sbeix lil Suzanne ma iressaqhiex il-Qorti. Fil-fatt jghid li hekk sar.

In kontro esami ix-xhud jghid nhar is-16 ta' Gunju, 2021

**PC 471 Michael Briffa** xehed nhar il-31 ta' Lulju, 2019 u jghid li nhar l-20 ta' Gunju 2019 kien dahal rapport l-ghassa tal-pulizja dwar serq ta mutur. Huma marru jiccekjaw il-Cameras beux jsitabilixxu x'hemm u x'mhemmx.

Raw persuna ghaddejja bil-mixi u wara raw lil din il-persuna li kient libsa flook ahmar tirkeb il-mutur. Jghid li l-persuna kellha toppu, Min ndak il-hin l-mutur baqa' niezel lejn Triq Haz Zabbar gewwa l-Fgura ukiser lejn Triq il-Gizi il-Fgura, Meta marru l-ghassa tal-pulizija ta' Bormla l-pulizija qalulu li l-malvivent setgha kien Leslie Farrugia

Wara gabu l-indirizz ta' Leslie u marru ihabtu ghandu izda ma fethilhom hadd. Daru l-ekwata biex jaraw jekk isibux il-mutur u regghu marru ghandu . Din id-darba il-bieb kien miftuh u iltaqghu mat-tfajla ta' Leslie Farrigia, certu Suzanne Camilleri fejn indikatilhom fejn kien il-mutur. Qal li l-mutur instab fin-nizla ta Jeff Pastizzeria ta' Bormla. Minnhemmhekk marruf fir-residenza ta Leslie Farrugia u ghalu tfittxija u sabu l-flok l-ahmar li kien libes dakinhar tas-serqa nhar l-20 ta lulju 2019. Hargu biex ifittxu lil Leslie u sabuh sejjer lejn l-ghassa u hemmhekk gie arrestat. Muri l-flok esebit fl-atti jghid li dak hu l-flok li elevaw minghand Leslie mid-dar tieghu. Huwa gharaf lill-akkuzat bhala Leslie Farrugia. Muri ir-ritratti markati bhala dok PC 1 sa PC 9 jghid li dawk huma ritratti tal-mutur li kien gie msiruq.

Rat il-verbal tad-difiza registrat fl-atti nhar l-1 ta' Awwissu 2019 fejn ezentat lil-prosekuzzjoni mill-htiega li tressaq ix-xhud ta l-istqarrija tal-akkuzat u lir-rappresentant tat-Transport Malta biex jikkonferma li l-mutur kien jappartjeni lil Helenio Galea.

**Helenio Galea** xehed nhar l-1 ta Awwissu 2019 u stqar li kien ipparkja l-mutur tieghu wara l-bieb tieghu u cioe fi Triq Zabbar, Fgura. Kif qam fighodu biex imur ghax-xoghol ma sabx il-mtur ipparkjat u ghalhekk baqa sejjer l-ghassa biex jghamel rapport.

Il-pulizija imbaghad ikkuntatjawh meta sabu l-mutur biex jmur jara il-mutur u kkonferma li l-mutur li instab kien tieghu minkejja li dan instab f'kundizzjoni imkisser kollu. Muri s-set ta' ritratti markati bhala dok PPC 1 sa PPC 9 jghid li dawk huma ritratti tal-mutur tieghu. Qal li ma jigix *worth it* li tirranga l-mturuminhabba li dan ghandu hafna affarijiet nieqsa u dan ghaliex jigi jiswa iktar min nelf euro ( €1,000) meta l-istima tal-mutur hija ta'

bejn tmien mija (€800) u elf euro (€1,000). Qal li l-0firming ta quddiemtiswa erbgha mija u hamsin euro (€450) wahedha, kellu l-gnub nieqsa kifmurija fir-ritratt. Kellu xi mera li tinsab fuq il-handletal-brejkijiet imkisra. Il-mutur hu antikghandu xi hmistax-il sena uma tantx issib il-parts tieghu.

**Maria Mifsud** stazzjonata fid-dipartiment tal-Probatbion u Parole xehdet nahr l-1 ta Awwissu 2019 u qalet li hija bdiet tahdem mal-akkuzat ghall-ewwel darba kien f Jannar 2011 meta kien intalab pre sentencing report mill-magistrat illum Imhallef Dr Miriam Hayman. Eventwalment fuq l-istess kaz kien inhareg fi Frar 2011 provisional order ta suoervision sabiex jaraw kemm l-akkuzat kien verament motivat beix jahdem fuq l-problema li kellu dwar abbuz ta droga. Tghid li kien inghata sentenza ta priguneriaj sospiza u maghha kien hemm ammess Ordni ta' Supervizjoni. F'Dicembru 2012 kient iddahlet denunzja peress li ma kienx qed isegwi id-direttivi tal-Ufficcjal tal-Probabtion. Ma kienx qed jattendi is-sessjonijiet il-Caritas sabiex jindirizza il-vizju mishut tieghu. Meta id-denunzja giet deciza l-akkuzat gie ikkundnnat sena u nofs prigunerija.

Dakinhar kienet qed issegwi lil Leslie fuq Ordni ta' Probabtion liema Ordni inharget fil-15 ta' Mejju, 2017 ghall-perijodu ta' sentejn. F'Mejju 2018 l-akkuzat rega gie denunzjat quddiem il-Magistrat Dr Natasha Sciberras liema denunzja kienet ghaddejja sal jum meta xehdet. Qalet li s-sitwazzoni tal-akkuzat ma hi xejn sew. Qalet li Leslie qatt ma gharaf l-opportunitajiet li nghata. Tghid li hemm bzonn li Leslie jghamel programm residenzjali u li jkun *contianed* .

Tghid li irrizultalha li hemm diversi problemi socjali fejn jidhlu *addiction* u rrizulta ukoll li Leslie dak iz-zmien (meta kien qed jigi imhejji *pre sentencing report* ) Leslie kien qed ihejji ruhu sabirx jindirizza l-problema ta' droga. Qalet li hija ma tista tghid xejn dwar jekk il-*urine* tieghu hux *clean* jew le ghaliex la ma kienx qed jattendi ghall-appuntamenti ma kienx qed ihalli l-kampjuni tal-awrina tieghu biex tigi testjata. Qalet li meta ikun *contained* il-habs it-testijiet tieghu jkunu *clean* izda meta ikun barra l-istorja hija differenti.

Rat in-nota tas- Senior Probabtion **Officer Antonella Debono** prezentata fl-atti nhar it-12 ta' Awwissu, 2019 fejn infurmat lil Qorti li kienet giet nominata Maria Mfisud biex issegwi lill-akkuzat u dan skond id-digriet datat nhar l-1 ta' Awwissu, 2019[5].

Rat ir-rapport ta' **Maria Mifsud** il-Probabtion Officer, prezentat fl-atti nhar it-3 ta' Ottubru, 2019 fejn kkonfermat li l-akkuzat kien qed jigi segwit minnha taht Ordni Provisorja ta' Supervizjoni u tghid li l-akkuzat xorta ma zammx kuntatt maghha. Huwa inghata sitt appuntamenti izda l-akkuzat ghazel li jattendi ghal tnejn BISS minnhom u f'dawk iz-zewg apputnamenti ma riedx ihalli kampjun tal-awrina tieghu. Tghid li l-akkuzat qallha li kien qed jahdem pero dan ma irrizultax mir-records tal- Job Plus ( vide dok A fol. 62). Qalet li ghamlet kuntatt ma Dr George Grech li huwa it-tabib tad- Detox fejn dan irrimarka li l-attendenza ta' Leslie hija wahda fjakka u ghandu bzonn programm fit-tul. Qalet ukoll li l-akkuzat lanqas ma ried izomm kuntatt mal-Agenzija li tghinu jindirizza il-probelma tad-droga ( vide dok 2 u Dok 3) fol 63 et seq). Sostniet li l-akkuzat baqa' jghazel it-triq ta' droga. Qalet li minkejja li hija uriet lil Qorti li l-akkuzat ma kienx persuna affidabbli dan rega inghata l-liberta provisorja u din id-darba jinsab akkuzat fuq serq minn fuq il-persna ta' anzjana li ghanda 80 sena, din id-darba gie akkuzat flimkien mat-tfajla tieghu. Dan il-kaz allegatament sehh nhar il-11 ta' Settembru ,2019 ( vide Dok 5 fol. 66). Ikkonkludiet billi stqarret li jekk l-akkuzat ma hux ser jahdem b'mod serju fuq il-problema li huwa ghandu ta' drogi se ikompli jiftah kazijiet godda.

Ix-xhud pprezentat rapport iehor nhar il-31 ta' Ottubru, 2019 u qalet li hija kienet ghamlet kuntat mal-Correctional Officer Roderick Mifsud ( vide Dok A fol. 69) u dan sabiex Leslie jibda jinghata ghajnuna psikologika kif ukoll ghajnuna sabiex jindirzza l-problema akuta tieghu ta' abbuz ta' droga.

[5] Fol. 53 ta' l-atti

Stqarret ukoll li kienet irceviet korrispondenza minghand Emmalyn Buttigieg li tahdem bhala *care plan co ordinator* gewwa il-habs u din qaltilha li l-akkuzat kien talab li jibda programm ta' rihabilitazzjoni ( vide dok 2 a fol. 70). Qalet li hemm bzonn li l-akkuzat jibda jahdem fuq l-*issues* tieghu, jiehu responsabilita tal-agir u imgieba tieghu kif ukoll li jibqa' jinzamm f'post ikkontrollat sabiex ma jkunx hemm riskju ghalih innifsu u ghal ta' madwaru.

Ix-xhud pprezentat rapport iehor nhar it-12 ta' Dicembru, 2019 u qalet li minkejja it-talbiet taghha sabiex tkun taf il-progress o meno li ghamel l-akkuzat fir-rigward l-kuntatt li kienet ghamlet ma Roderick Mifsud (vide dok 1 fol 73) hija baqghet ma inghatat l-ebda tgharif. Qalet li l-akkuzat stqarr maghha li xtaq jghamel programm ta' rihabilitazzjoni.

Ix-xhud pprezentat rapport iehor nhar is-6 ta' Marzu, 2020 fejn qalet li kellha tghrif minghand Gail Debono li hija l-psikologa forensika tal-habs li l-akkuzat kien jinsab fil-posizjoni numru 1 tal-waiting list. Kemm dam l-habs l-akkuzat ta l-kampjuni tal-awrina tieghu u dawn taw rizultat negattiv ghal preesenza ta' droga ( vide dok 2 fol. 77) . Dwar rapporti ta' imgieba waqt li kien il-habs dan kellu wiehed datat 30 ta' Novembru, 2020 ( Dok 3 a fol. 78).

Nhar id-29 ta' Lulju 2020 ix-xhud ipprezentat rapport iehor fejn stqarret li minhabba l-pandemija ta' COVID 19 hija kienet qed taghmel sessjonijiet mal-akkuzat permezz tat-telefon. Tghid li kemm dam il-habs huwa qal li ma ghandux interess li jaghmel programm residenzjali sabiex jindirizza l-vizzju tieghu ta' abbuz ta' droga minkejja l-istorja twila tieghu ta' abbuz. Rigward il-kampjuni tal-awrina li hu issottometta waqt li kien il-habs minn Settembru 2019 sa meta hareg fit-3 ta' Lulju 2020 dawn taw rizultat negattiv ghas-sustanzi illeciti vide Dok 1 fol. 84). Tghid pero li dwar rapporti ta' imgieba hazina gewwa il-konfini tal-habs dan kellu hamsa fejn ma obdiex ir-regoli, ghamel allegazzjonijiet foloz fil-konfront ta' ufficcjali korrettivi u li kellu pussess ta oggetti pprojbiti. L-ahhar rapport li ircieva kien nhar l-10 ta' Mejju, 2020 ( vide dok 2 fol. 85).

Fit-3 ta' Lulju 2020, l-akkuzat inghata il-helsien mill-arrest u inghata zewg appuntamenti ma l-ufficcjal tal-probation. Tghid ghall-ewwel wiehed mar tard u ghalhek is-sessjoni ma setghetx issir. L-akkuzat gie inkoraggut sabiex jattendi appuntamenti gewwa id-Detox u l-Caritas sabiex huwa jibda jiehu l-ghajnuna li ghandu bzonn.

Fis-17 ta' Settembru, 2020[6] ix-xhud pprezentat rapport iehor u qalet li nhar it-3 ta' Lulju, 2020 l-akkuzat inghata l-helsien mill-arrest u hija ghandha l-preokkupazzjoni taghha dwar dan l-istat tieghu. Tghid li l-akkuzat kie qallha li kellu d-deni izda ma ridx jghamel is-*swab test* minkejja li kien hemm l-pandemija tal-COVID . Hija kienet qaltu diversi drab biex jghamel it-test izda dan irrifjuta izda wara hafna qal li kien ghamel appuntament fit-tul u cioe ghal nhar id-19 ta' Settembru 2020 izda minn verifiki li ghamlet irrizultalha li l-appuntamenti ma kienux qed jinghataw fit-tul kif qalha l-akkuzat. Minhabba dan id-dewmien u resistenza li wera l-akkuzat li jghamel dan is-*swab test* dan affettwa is-supervisjoni u ttestjar tal-kampjun tal-awrina tieghu.

Tghid li fir rigward tas-supervisjoni maghha.

- Fis-16 ta' Lulju, 2020 l-akkuzat attenda tlet kwarti tard ghall-appuntament u ma gabx maskla kif kien rikjest minnu mid-Dipartiment tal-Probabtion u Parole.
- Fis-27 ta Lulju 2020 l-akkuzat attenda ghall-appuntament.
- Fis-6 ta' Awwissu 2020 l-akkuzat ppospona l-appuntament minhabba li qal li kien xoghol.
- Fit-28 ta' Awwissu, 2020 kien hemm kampjun tal-awrina biss huwa ppospona l-appuntament ghax qal li ghandu deni u s-siehba tieghu weggghet darha. Hija qaltu li ghal darba ohra ghandu jghamel is-swab test.

[6] Fol. 106 ta' l-atti

Minn kuntatt li ghamlet mad-Detox giet infurmata li l-akkuzat qed jiehu l-methadone minhabba li kien qataghha meta kien il-habs . Tgjid ukoll li l-akkuzat kien infurmaha li kien beda kuntatt mal-Caritas. Minn kuntat li sar ma Leon Madden tal-Caritas irrizulta li l-akkuzat inghata tlett appuntamenti izda ma attenda ghall-ebda wiehed minnhom (vide dok I fol 107) . Irrizulta ukoll li l-akkuzat ma kienx qed jahdem (vide dok 2 fol. 108).

Ix-xhud regghet pprezentat rapport nhar id-9 ta' Marzu, 2021[7] u kkonfermat ghal darb ohra li kemm kien ilu jgi segwit mid-dipartiment tal-Parole u Probabtion , l-akkzuat dejjem kellu problema ta' abbuz ta' droga. Saru divesi tntattivi minn dicersi professjonisti sabeix jigi mhejjun fuq il-problemi tieghu imma dan dejjem wera resistenza ghall-ghajnuna. Din ir-resistenza tigi manifestata f'nuqqas ta' kuntatti li Farrugia ghandu mis-servizzi li qed jipproaw jghinuh.

- Fir-rigward ta' appuntamenti gewwa l-ufficcju tal-probabtion, l-ahhar appuntament li attenda Farrugia kien f'Lulju 2020. Sussegwentement falla l-appuntamenti kollha li inghataw lilu.
- Fir-rigward ta' appuntamenti mal-Caritas, l-Ufficcjal tal-Probabtion ghamlet kunttti ma Leon Madden li huwa sostna li Farrugia fis-sena 2020 **qatt** ma attenda ghall-appuntamenti
- Harsa lejn is-servizz ta' Detox sar kuntatt ma Dott Gianluca Bezzina li rrimarka li l-akkuzat mhux qieghed f'kuntatt mieghu. L-ahhar gurnata li huwa attenda ghal Methadone kien fit-2 ta' Dicembru, 2021 (ara Dok 1 fol. 114 ta' l-atti).

Ikkonkludiet li l-akkuzat mhux qieghed jikkopera u lanqas jiehu l-ghajnuna li ghandu bzonn. Dan jindika li l-akkuzat mhux persuna affidabbli ghaldqstant l-unika mezz li huwa jsta jibbenefika ghal ghajnuna minghajr ma jaghmel hsara lilu nnifsu u lil haddiehor huwa permezz li jinzamm f'post

[7] Fol. 112

ikkontrollat u eventwalment jaghmel programm ta' rihabilitazzjoni minn gewwa dan l-istess post

Ix-xhud regghet pprezentat rapport nhar l-14 ta' Gunju, 2021 fejn qalet li s-sitwazzjoni tal-akkzuat tkompliet tiddeterjora tant li jinsab il-habs. F'Gunju 2021 l-akkuzat dahal il-habs. Ittihed kampjun tal-awrina tieghu malli huwa dahal il-habs li rrizulta fil-posittiv ghad-droga eroina u kokaina ( vide dok 1 fol. 120 ta' l-atti). Rigward appuntamenti gewwa l-Ufficcju tal-Probabtion l-ahhar appuntament li attenda l-akkuzat kien fis-27 ta' Lulju, 2020 . Sussegwentement kien falla l-appuntamenti kollha li kienu inghataw lilu **wara** din id-data.

Fir-rigward ta' appuntamenti mal-Caritas l-ufficcjal tal-probabtion kient giet infurmata f'Marzu 2021 minn Leon Madden ( key worker Caritas) li l-akkuzat ma attenda ghall-ebda appuntament fis-ena 2021. L-Ufficcjal talbet jekk kienx hemm xi sviluppi fil-kaz ( vide Dok 2 fol 121) imma informazzjoni fuq dan ir-rigward ma kienx hemm sa dakinahr li pprezentat ir-rapport taghha.

L-akkuzat ma xehdx f'dawn il-proceduri kif kellukul dritt skond il-ligi pero a tempo vergine kien irrialxja stqarrija u din tinsab esebita fl-aatti a fol. 9 markata bhala dok PC 3. Minn esami taghha jirrizulta li l-akkzuat huwa disokkupat u muri il-filmat mehud nhar l-20 ta' Gunju 2019 fejn hemm ragel rikeb mutur jghid li huwa hu stess u ikkonfemra li l-flok li gie muri mill-pulizija huwa l-istess flok li kien libes meta kien rikeb il-mutur. Ikkonferma li l-mutur li gie muri lilu fi Triq Fuq San Pawl Bormla hux l-istess mutur li gie misruq minn Triq Haz Zabbar Fgura hux l-istess mutur jghid li iva Jghid li dakinhar tas-serqa huqa kien wahdu Qal li huwa serqu u appena saqu mar wara l-kantuniera u tah lil haddiehor pero mistoqsi lil min tah jghazel li ma iwigibx. Jghid li kien mhedded biex jisirqu izda mistoqsi min heddu jghazel li ma iwegibx.

L-avuakt difnesur meta ittratta dan il-kaz ghamel hafna enfasi fuq l-investigazzjoni maghmula mill-pulizija u dan ghaleix l-pulizija naqset mili tressaq dawk il-pulizija li kienu identifikaw lil Leslie fil-filmat. Bir-rispett kollu dan hu veru nuqqas min naha tal-prosekuzzjoni pero f'dan il-kaz stante li hemm l-ammissjoni tal-akkzuat stess fl-istqarrija tieghu li kien hu li seraq il-mutur nhar l-20 ta' Gunju, 2019 ma kienx hemm bzonn li jitresqu iktar xhieda f'dan ir-rigward.

Din il-Qorti rat ix-xhieda li inghatat ukoll dwar il-karattru tal-akkzuat u dwar jekk huwa ghamilx xi titjib fir-rigwad il-problema li huwa ghandu dwar l-abbuz ta droga u minn dak li semghet jirrizult ali l-akkzuat ma jridx jghin ruhu minkejja li ghandu fedina penali twila. Jidher car li l-akkzuatirid ikompli jghix il-hajja refrettarja.

Ghalhekk din il-Qorti rat li l-ewwel sentenza hija korretta kemm fir-rigward tal-mertu kif ukoll fir-rigward tal-piena imposta u ghalhekk qeda tikkonfermaha fl-inter tiaghha.

Dr. Consuelo Scerri Herrera

Imhallef